Ittra ta' motivazzjoni - Teresa Anjinho - Kandidata għall-kariga ta' Ombudsman Ewropew

**Teresa Anjinho**

President tal-Parlament Ewropew

(Nomini għall-kariga ta' Ombudsman Ewropew)

60 rue Wiertz / Wiertzstraat 60
1047 Brussell

il-BELĠJU

Brussell, it-30 ta' Settembru 2024

Għażiża President tal-Parlament Ewropew,

**Onorata li qed nippreżenta l-kandidatura tiegħi għall-kariga ta' Ombudsman Ewropew għall-mandat 2024-2029.** Ir-rwol huwa wieħed li jitlob responsabbiltà kbira, rwol li jirrikjedi impenn sod lejn **is-sens ta' ġustizzja**, l-**integrità** u l-**fiduċja** sabiex tiġi mħarsa r-relazzjoni bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u ċ-ċittadini tagħhom. Tul il-karriera tiegħi fis-servizz pubbliku, fir-riċerka akkademika u fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, dawn il-valuri minn dejjem kienu l-boxxla tiegħi, u nemmen tabilħaqq li ninsab lesta biex inkompli bħala l-Ombudsman Ewropew li jmiss.

Bħala **ex Viċi Ombudsman tal-Portugall**, kont responsabbli mill-ġestjoni ta' wħud mill-oqsma l-aktar sensittivi li jħassbu liċ-ċittadini, inkluża l-ġustizzja, l-edukazzjoni, is-saħħa u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. F'din il-kapaċità, kelli l-privileġġ li niddefendi d-drittijiet taċ-ċittadini kontra każijiet possibbli ta' amministrazzjoni ħażina, u li niżgura li leħenhom jinstema' u li l-ilmenti tagħhom jiġu indirizzati. Din l-esperjenza, flimkien mar-rwol attwali tiegħi bħala **membru tal-Kumitat ta' Sorveljanza tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF),** ippermettietli nikseb l-għarfien espert uniku meħtieġ biex nassigura l-integrità, it-trasparenza u r-responsabbiltà istituzzjonali fil-livell Ewropew.

Ir-rikonoxximent tal-importanza tal-**proċeduri fuq inizjattiva proprja**, wieħed mill-pilastri tal-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew minn dejjem kien il-ġestjoni tal-**ilmenti individwali**. Kif rajt b'għajnejja stess bħala Deputat Ombudsman, jekk l-ilmenti individwali jiġu indirizzati b'mod effettiv, dan mhux biss jissalvagwardja d-drittijiet fundamentali iżda jrawwem il-parteċipazzjoni, il-fiduċja u ċ-**ċittadinanza attiva** fil-proċessi demokratiċi. Bħala Ombudsman Ewropew, se niżgura li din tibqa' l-funzjoni ewlenija li tmexxi l-isforzi tagħna biex inservu lill-pubbliku, filwaqt li neżaminaw modi biex insaħħu l-aċċessibbiltà u r-reattività tiegħu.

Barra minn hekk, abbażi tal-esperjenza tiegħi kemm fin-**Network Ewropew tal-Istituzzjonijiet tad-Drittijiet tal-Bniedem** kif ukoll fin-**Network Ewropew tal-Ombudsmen**, għalija huwa ċar li r-rwol tal-Ombudsman Ewropew irid irawwem ukoll **relazzjoni aktar parteċipattiva u kollaborattiva maċ-ċittadini tal-Ewropa u mal-istituzzjonijiet li jservuhom**. Jekk inkun fdata b'din il-kariga, il-mira tiegħi se tkun li nsaħħaħ l-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew billi noħloq kanali akbar ta' kooperazzjoni mal-uffiċċji tal-ombudsman nazzjonali fl-Istati Membri. Aħna u nsawru dawn is-**sħubijiet,** nistgħu niżguraw li jkun hemm skambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki mingħajr xkiel, u dan iwassal għal mekkaniżmi ta' superviżjoni u reazzjoni aktar effettivi kemm fil-livelli nazzjonali kif ukoll dak Ewropew. Din il-kollaborazzjoni jenħtieġ li tiġi estiża wkoll għall-istituzzjonijiet akkademiċi, għall-organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs) u għall-organizzazzjonijiet ibbażati fuq il-komunità, li lkoll kemm huma jaqdu rwol imprezzabbli fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u fil-promozzjoni ta' governanza tajba.

Tul il-karriera tiegħi, anki meta servejt bħala **Membru Parlamentari fil-Portugall** u bħala **Segretarju tal-Istat għall-Ġustizzja**, b'mod konsistenti irsistejt għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, għall-promozzjoni tat-trasparenza u għat-tisħiħ tal-governanza demokratika. Bħala **esperta tad-drittijiet tal-bniedem** u **riċerkatriċi akkademika**, iddedikajt ħajti għall-istudju u għall-eżerċizzju ta' ġustizzja u tan-nondiskiriminazzjoni, b'mod partikolari fl-oqsma tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tal-innovazzjoni diġitali. Dawn l-esperjenzi mhux biss sawruni bil-ħiliet meħtieġa biex Ombudsman Ewropew iżda saħħew ukoll il-konvinzjoni qawwija tiegħi li **l-UE jeħtieġ li tkompli tħaddan l-ogħla standards għall-integrità u r-responsabbiltà fl-amministrazzjoni pubblika**.

Nemmen li, bl-appoġġ tal-Parlament Ewropew, nista' mmexxi l-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew 'il quddiem fil-missjoni tiegħu li jippromwovi l-governanza tajba u li jiddefendi d-drittijiet taċ-ċittadini. Il-viżjoni tiegħi hija li noħloq ambjent fejn iċ-ċittadini Ewropej kollha jħossu li għandhom is-setgħa li jistgħu jikkomunikaw mal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, li jkunu ċerti li t-tħassib tagħhom se jintlaqa' b'sens ta' ġustizzja, b'integrità u b'fiduċja. **Nimpenja ruħi li niżgura li l-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew jibqa' pilastru ta' ġustizzja, ta' trasparenza u ta' responsabbiltà għal kulħadd**.

Flimkien, l-Unjoni Ewropea nistgħu nagħmluha aktar f'saħħitha, aktar trasparenti u nibdluha f'komunità aktar inklużiva għaċ-ċittadini kollha tagħha.

Dejjem tiegħek,

Teresa Anjinho

Kandidata għall-Ombudsman Ewropew (2024-2029)